MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH BONNICI**

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2003

Talba Numru. 2101/2002

**GasanMamo Insurance Agency Limited
u din ghan-nom u in rappresentanza
tas-socjeta' estera CGU Insurance plc
hekk kif surrogata fid-drittijiet
tal-assikurat taghha Arthur Bondin
sija bil-poza u sija bil-ligi u l-istess
Arthur Bondin**

**vs**

**Alexander Caruana**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' Lm 786.72c (sebgha mija u sitta u tmenin lira Maltin u tnejn u sebghin centezmi) rappresentanti danni kkagunati f' incident awtomobilistiku tal- 24 ta' Awissu, 2001 fil-Hamrun, bejn il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni HAI 629 u b' digriet ta' 17 ta' Ottubru, 2002

l-ittri tal-vettura ghandhom jaqraw "HAA" u mhux "HAI" misjuqa mill-konvenut u l-vettura numru

IBC 649 misjuqa minn u proprjeta ta' l-attur Arthur Bondin, liema vettura kienet assikurata taht polza 'comprehensive' mas-socjeta' attrici liema incident sehh unikament tort tal-konvenut minhabba traskuragni, imprezija  w nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu.

L-ammont mitlub jinkludi hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25.00c) 'Excess" imhallsa mill-attur Arthur Bondin li kien assikurat taht polza 'comprehensive' mas-socjeta attrici.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment ma' dan l-Avviz, kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut, u ta' l-ittra ufficjali tal- 11 ta' April, 2002 kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentatx risposta ghalkemm debitament notifikat;

Sema' lil Dr. Michael Zammit Maempel jikkonferma bil-gurament li l-ammont ghadu ma thallasx;

Jiddeciedi billi jilqa t-talba attrici bl-ispejjes u bl-interessi.

--------------------------------TMIEM--------------------------------